MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1097/1990/1

**Emmanuel Galea**

**Vs**

**Saviour Pace u b'digriet tal-15 ta' Mejju, 2001 gew trasfuzi l-atti fl-ismijiet ta' Michelina armla ta' Saviour Pace u Filomeno, Carmela sive Carrie mart Emanuel Agius, Mary mart Joseph Falzon, Antonio sive Twanny, Vincent, Josephine mart Spiridione Cutajar, Martin u Antonia sive Tanya mart Gaetano Busuttil ilkoll ahwa Pace.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi kien ghamel xoghol ta' aperturi, poggiaman

tat-tarag u hnejjiet lill-konvenut kif ukoll ikkonsenjalu l-materjal ta' l-istess.

Premess illi l-kontendenti kienu ftehmu li in konsiderazzjoni tax-xoghol u materjal li ffornixxa l-attur il-konvenut kellu ihallas lill-attur is-somma ta' Lm1,230 (elf mitejn u tletin lira Maltin).
Premess illi in effetti l-konvenut hallas lill-attur biss is-somma ta' hames mitt lira Maltin bhala l-ewwel pagament u mitejn lira bhala t-tieni pagament u b'hekk baqghalu jaghtih is-somma ta' Lm530 (hames mija u tletin lira Maltin).

Premess illi oltre dan il-konvenut qed izomm ghandu xi ghodod u bank tax-xoghol tal-attur ossia basket mimli b'ghodod, u qed jirrifjuta li jaghtihomlu lura.

Jghid l-attur ghaliex din il-Qorti m'ghandiex :

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u tletin lira Maltin bilanc minn somma akbar.

2. Tordna lill-konvenut irodd lura lill-attur il-basket bl-ghodod u l-bank tax-xoghol.

Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-konvenut** a fol. 8 tal-process fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament il-preskrizzjonijiet tal-azzjoni tal-attur a termini tal-artikolu 2148 tal-Kodici Civili;

2. L-intempestivita tal-azzjoni tal-attur peress illi l-attur ghal kwazi sentejn ma ressaq l-ebda pretensjoni kontra l-konvenut, la dwar bilanc ta' prezz u lanqas dwar ghodda.

3. Bla hsara ghall-eccezzjonijiet ta' qabel il-konvenut jeccepixxi illi l-ammont mhux dovut lill-attur peress illi

huwa kien abbanduna x-xoghol ordnat u kiser l-istess kuntratt meta ma lestiex fiz-zmien miftiehem u semmai huwa dovut minnu l-hlas lura doppju tal-kapparra.

4. Illi, bla hsara ghall-eccezzjonijiet l-ohra, x-xoghol tal-attur ma kienx skond is-sengha u l-arti u kkawza danni lill-konvenut kif jidher mir-rapport tal-Perit Huntingford, kopja annessa.

5. Illi dwar l-ghodda l-attur qatt ma talabhom lura u huma biss ta’ ngombru ghall-konvenut.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-decizjoni preliminari a fol. 40;

Rat id-digrieti a fol. 44, 64 u 151;

Rat ir-rapport a fol. 171;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar preskrizzjoni kienet giet michuda b’sentenza preliminari a fol. 40.

Dwar it tieni talba ta’ l-attur, dina giet ezawrita stante li fil-mori tal-kawza l-ghodda giet ritornata lill-attur. (ara para 26:5 tar-rapport peritali).

Il-perit nominat minn dina l-Qorti pprezenta ir-rapport tieghu a fol. 171 fejn elenka l-fatti kif graw (ara para 24:19), ezamina x-xhieda u dokumenti prodotti, ghamel access, u wara li ezamina dana kollu, u ghamel il-konsiderazzjonijiet tieghu, kkonkluda li:

(i) l-attur m'ghandux jithallas is-somma ta' Lm530 skond l-ewwel talba tieghu izda ghandu jithallas is-somma ta' Lm195;

(ii) Dwar it-tielet eccezzjoni, il-perit qal li ma kienx hemm klawsola kuntrattwali dwar l-abbandun, izda f'kaz li l-Qorti tiffissa xi somma bhala penali ghall-abbandun, tali somma ghandha titnaqqas mill-valur tax-xoghol stmat Lm895 li jinkludu l-ammont ta' Lm700 gja mhallas;

(iii) Dwar ir-raba eccezzjoni, x-xoghol ta' l-attur ma kienx skond is-sengha u l-arti principalment minhabba li ma kienx spiccut u rfinut, u l-ammonti mnaqqsa ghandhom ikopru l-ispejjez biex ix-xoghol jingieb tajjeb u accettabbili fit-tolleranzi prattici.

L-attur ma qabilx ma dawn il-konkluzzjonijiet tal-perit. Hu ssottometta li dan il-kaz kien jittratta aktar dwar bejgh milli appalt, u ghalhekk il-konvenut ma setghax iressaq il-pretenzjoni tieghu biex jitnaqqas il-prezz *per via d'eccezzione*.

Il-Qorti ma taqbilx. Fil-fatt dana l-kaz kien wiehed ta' appalt u mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien forna l-materja prima - ballavostri, u l-attur kien ser jaghti servizz ta' mastrudaxxa skond is-sengha u l-arti. Fil-fatt l-attur ma jistax jitkellem dwar bejgh billi huwa qatt ma forna prodott terminat.

F'dan il-kaz skond il-perit, mill-prezz miftiehem ta' Lm1,230 iridu jitnaqqsu Lm225 (xoghol li kellu jaghmel l-attur) u Lm150 (xoghol li baqa' x'isir) u jizdiedu Lm40 (ta' zewg balavostri) li jigu Lm895.00. Minn dawn il-konvenut hallas Lm700 u ghalhekk baqghalu jhallas Lm195 minghajr ma wiehed jikkonsidra l-possibilita' ta' penali ghall-abbandun, li l-perit jimputa lill-attur.

Jirrizulta mill-provi li x-xoghol ta' l-attur ma kienx skond is-sengha u l-arti principalment minhabba li ma kienx spiccut u rfinut u l-ammonti mnaqqsa kif imsemmi fuq ghandhom ikopru l-ispejjez biex ix-xoghol ikun accettabili.

Il-konvenut eccepixxa l-intempestivita tal-azzjoni tal-attur peress illi l-attur ghal kwazi sentejn shah ma ressaq l-ebda pretensjoni kontra tieghu, la dwar bilanc ta’ prezz u lanqas dwar ghodda.

**Tikkunsidra**

Qabel ma kuntrattur jindahal ghal bicca xoghol, hu ghandu jkollu l-kapacita` teknika mehtiega (Vol XLII pI p517).  “L’imprenditore ha l’obbligo di eseguire bene l’opera commessagli, secondo i dettami dell’arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria” (Vol XXVII pI p373).

“Biex ikun hemm lok ghall-eccezzjoni *inadempleti contractus* jehtieg illi si tratta ta’ obbligazzjonijiet korrispettivi fiz-zewg kontraenti radikata fl-istess rapport sinallagmatiku bejniethom. Kondizzjoni ohra hija illi fil-fehma tal-gudikant, meqjusa c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ikun hemm certa proporzjon bejn l-inadempjenza attribwita bi htija ta’ l-attur u dik rifjutata mill-konvenut. Jehtieg li l-inadempjenza ta’ l-attur tkun imputabbili lilu u li inoltre, relattivament ghal prestazzjoni hu jezigi minn ghand il-konvenut li tkun ta’ certa gravita’. (Vol XL1X p 518 E.Aquilina vs S.Aquilina et 12.3.65.)

Dan il-principju hu bazat fuq ir-raguni guridika illi jekk wiehed huwa inadempjenti u jivvjola l-obbligu tieghu di fronte ghal kontraent l-iehor, ikun immorali li hu jitlob l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontra dak li ghamel dik il-vjolazzjoni, ghaliex da parti tieghu hemm vjolazzjoni ohra tal-kuntratt. (Vol XXX pI p155; Vol XLIX pI p518; Vol L pII p323).

Il-massima generali hi li jekk ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt ma jkunx kollu lest jew ma jkunx kollu ezegwit skond is-sengha, l-appaltatur mhux intitolat jippretendi l-hlas tal-prezz stipulat in konsiderazzjoni ta' dak ix-xoghol, ghax meta x-xoghol, li ghalih gie pattwit prezz determinat ma jkunx kollu lest, l-appaltatur ma jistax jitlob il-hlas, la kollu u lanqas parti minnu (ara: Antonio Pisani v. Carmelo Debattista, P.A., 8 ta' Mejju, 1958).

Dan hu hekk in vista tal-fatt li, kif jghid Domenico Rubino, fil-monografu tieghu L'Appalto (UTET, Torino, 1958) "l'obbligazione di esegwire l'opera o il servizio e' sempre indivisibile" (pagna 186, paragrafu 114). Izda "tuttavia, quando la cosa materiale e' divisibile, o addirittura plurima, cio' puo talvolta contribuire a temperare le conseguenze dell' indivisibilita' dell'obbligazione....Sulla indivisibilita' di questa obbligazione non ha influenza il fatto che l'appalto sia a forfait o a misura" (op.cit. pagna 187, paragrafu 114).

Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna jidher ukoll li ttemperat b'mod ekwitattiv f'certi kazjiet ir-rigidita' tal-massima generali. Dan jidher car mid-diversi sentenzi citati mill-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha tal-24 ta' Jannar, 1975 fl-ismijiet Carmelo sive Charles Mallia noe. v Ivan John Fonk. Hekk, per ezempju, fil-kawza Roberto Micallef v. Joseph Mamo pro. et noe., Qorti tal-Kummerc, 9 ta' Marzu, 1939, il-kommittent gie ordnat ihallas il-prezz ta' appalt stabbilit a misura meta kien hemm xi difett parzjali ritenut mhux sostanzjali fix-xoghol, biss gie awtorizzat jirritjeni parti mill-prezz sakemm l-appaltatur isewwi d-difetti. Invece, fil-kaz Francesco Desira v Il-Markiz Antonio Barbaro di San Giorgio, Appell Civili, 7 ta' Marzu, 1958, giet michuda t-talba ghall-hlas tal-prezz ta' fornitura u tqeghid ta' madum fuq il-motiv illi x-xoghol ma kienx sar skond ma titlob is-sengha. Il-kwistjoni tal-hlas *o meno* regghet tqajjmet u giet risolta b'mod ekwitattiv fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-13 ta' Ottubru, 1989 fil-kawza fl-ismijiet Francis Mallia et noe. v. Edwin Magri, fejn inghad, *inter alia*, hekk: "....il-Qrati taghna f'certi kazijiet ordnaw il-hlas tal-prezz ta' l-appalt stabbilit a misura, meta kien hemm difetti parzjali u mhux sostanzjali fix-xoghol, izda ordnaw lill-kommittent jirritjeni parti mill-prezz sakemm l-appaltatur isewwi d-difetti. F'kazijiet ohra fejn ix-xoghol kien ezegwit in parti sewwa u in parti hazin, giet negata lill-appaltatur kull parti mill-prezz fuq il-motiv li x-xoghol ma kienx sar skond ma titlob is-sengha. F'kazijiet ohrajn il-Qorti ordnat li titnaqqas mis-somma li tigi mhallsa somma stmata mill-perit bhala kumpens ghad-difetti fix-xoghol, specjalment meta ma jkunx aktar possibbli jew prattikabbli li jigu

rrangati d-difetti". (ara sentenza App C.Gauci vs M.Grixti 23/1/95).

Fil-kaz in ezami l-konvenut qed jitlob li billi l-attur abbanduna x-xoghol ordnat u kiser l-istess kuntratt meta ma lestiex fiz-zmien miftiehem semmai huwa ghandu ihallas lura d-doppju tal-kapparra.

Jirrizulta mill-provi li bejn il-partijiet ma kienx hemm klawsola specifika fil-ftehim dwar penali. Inoltre jirrizulta li apparti li l-attur ma terminax ix-xoghol, dak li ghamel kien ukoll mhux skond is-sengha u l-arti, ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li m'ghandiex tigi imposta penali imma fl-istess hin il-konvenut ma jibqalu jaghti xejn lill-attur, lanqas il-Lm195 li l-perit qal li huma ghax-xoghol li fadal li jsir.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad l-ewwel talba ta' l-attur;
tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tieni talba;
bl-ispejjez kwantu ghall 4/5 ghall-attur u 1/5 ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------